# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 30 ta' Ġunju 2022**

**Appell numru 5 tal-2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Edward BUHAGIAR**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Diċembru 2021 fil-konfront ta' Edward BUHAGIAR (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 149381M) li ġie mixli talli nhar is-17 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta tal-08.40hrs waqt li kien ġewwa Triq Iċ-Ċawsli Żabbar, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 2379 u PC 1533, persuni inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qiegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qiegħdin jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali illiberat lill-imputat qua appellat mill-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tgħaddi sabiex tiddisponi minn dan il-każ skont il-Liġi u fl-aħjar interessi tal-ġustizzja u dan wara li stqarret is-segwenti:

    i) Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet applikazzjoni żbaljata tal-Liġi li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-appellat u għalhekk l-Avukat Ġenerali qiegħda tinterponi dan l-appell ai termini tal-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. F’kuntest fejn il-Qorti semgħet lil PC 2183 Sarah Agius fuq dak li għandu x’jaqsam mal-ħruġ tar-riferti, kien hemm dubju serju jekk ir-riferti ta’ PS 239 Stefanie Zammit u ta’ PC 1533 Jeremy Sultana, li kienu xhieda indispensabbli għall-Prosekuzzjoni, effettivament ħarġux u allura jekk dawn kinux debitament notifikati. Fid-dawl ta’ dan, il-Prosekuzzjoni talbet differiment iżda l-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet din it-talba.
    ii) Għalkemm l-Avukat Ġenerali tirrikonoxxi li l-kawża kienet ta’ natura sommarja, l-Artikolu 572 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta reż applikabbli permezz tal-Arikolu 520(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali kien jirrikjedi li qabel mal-Qorti tgħaddi għas-sentenza jinstemgħu x-xhieda indispensabbli u dan ġjaladarba kien hemm dubju serju dwar jekk dawn ix-xhieda kinux innotifikati. Jekk wieħed jagħmel referenza għad-diċitura tal-Artikoli 374 u 375 tal-Kodiċi Kriminali, mhuwhiex speċifikat li l-provi f’kawża sommarja għandhom kollha jinstemgħu f’seduta waħda biss u dan allavolja kawża sommarja mgħandhiex iddum ittawwal inutilment.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

4. L-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li l-Qorti tgħaddi għas-sentenza dakinhar li tingħalaq is-smiegħ tal-kawża. Il-ġurisprudenza tgħallem li din id-dispożizzjoni m’għandhiex tkun suġġetta għal interpretazzjoni ristretta fis-sens illi bilfors li l-Qorti tkun

trid tgħaddi għas-sentenza fl-ewwel seduta tas-smiegħ tal-kawża; u dan għaliex jista' jagħti l-każ li dan ma jkunx possibbli illi jsir jew li l-Ġustizzja tkun tirrikjedi mod ieħor. B'din id-disposizzjoni, il-Leġislatur ried jassikura mekkaniżmu spedjenti għas-smiegħ tal-kawżi sommarji; iżda mill-banda l-oħra ma riedx li dan isir a skapitu tat-tiftix tal-verita' storika li f'kull kawża – indipendentement min-natura tagħha – għandha tiġi stabbilita.

5. Dan l-insenjament huwa rifless ukoll fil-ġurisprudenza li tippermetti d-differiment ta' kawża – anki għall-iktar minn darba – meta dan id-differiment ikun ibbażat fuq, u ġustifikat, **<u>minn raġuni valida.</u>** Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Margaret Urry** deċiż nhar is-17 ta' April 2001 din il-Qorti stqarret is-segwenti:

> Hu appena neċessarju jingħad li differimenti **bla raġuni valida,**[1] speċjalment f'kawżi sommarji, minbarra li jagħmlu ħsara għax il-provi ma jibqgħux friski f'moħħ ix-xhieda, jiffrustraw lil, u joħolqu inkonvenjent inġust għal, dawk ix-xhieda li ripetutament jiġu mħarrka għalxejn.

6. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jirregolaw u jikkontrollaw riġorożament id-differimenti fi proċedimenti kriminali, li għandhom jingħataw biss meta jkun hemm raġuni valida u mhux għalxejn. Sintendi, dak li jammonta għal raġuni valida għandu jkun ivvalutat skont il-każ, stante li ma hemmx regola ġenerali jew tifsira speċifika ta' dak li jammonta għal raġuni valida.

7. Ta' spiss jinqalgħu sitwazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn dawn jgħaddu għas-sentenza mingħajr ma jkunu semgħu xi xhud jew xhieda li l-Prosekuzzjoni tkun tqis li jkunu indispensabbli għall-każ tagħha. Il-ġurisprudenza prevalenti irriteniet li l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali ma tipprekludix lill-Prosekuzzjoni milli tiddikjara fil-verbali tal-udjenza bir-raġuni għaliex tkun tqis tali xhieda bħala indispensabbli għall-każ tagħha kif ukoll li titlob differiment sabiex dawn ix-xhieda jinstemgħu f'seduta oħra. B'din it-talba, b'mod partikolari meta meta ssir f'każ ta' reati prosegwibbli ex officio, il-Prosekuzzjoni tispjega wkoll għaliex dik il-Qorti ma jkollhiex tgħaddi għas-sentenza minnufih iżda li qabel dan tisma' lil dawn ix-xhieda ritenuti minnha bħala indispenssabbli għall-każ tagħha. Hekk per eżempju ngħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Peter Sammut sive Peter Ferdinans** fejn dil-Qorti stqarret:

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

> Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, **u dan anke f'kawzi sommarji**.[2] Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih (u f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni f'xi stadju rrinunzjat ghall-Ispettur Cordina), il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra.

8. Biss, dan il-prinċipju ma jreġix meta n-nuqqas li jidhru dawn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jkun dovut għal xi nuqqas da parte tagħha. Salv f'dawk il-każijiet speċifiċi stabbiliti bil-Liġi, fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa d-dmir tal-Pulizija Eżekuttiva li tassikura li x-xhieda tal-każ tagħha jkunu debitament notifikati fiż-żmien statutorju u utli għas-seduta. F'dawk il-każijiet, il-Pulizija Eżekuttiva għandha anki d-dover li tassikura li jkollha f'idejha r-riferti tan-notifika nonche l-eżitu tagħhom **qabel** ma jibda s-smiegħ tal-kawża. In-notifika tal-atti ġudizzjarji b'mod partikolari, u taċ-ċitazzjonijiet jew taħrikiet ta' xhieda b'mod partikolari, għandha importanza enormi fl-andament tal-proċeduri kriminali. Xi drabi l-eżistenza jew il-kontinwazzjoni tal-azzjoni penali innifisha tkun tiddependi preċiżament minn notifika tal-att ġudizzjarju speċifiku fuq il-persuna destinatarja. Imbagħad ir-referta ta' dik in-notifika – magħquda, fil-każijiet kongruwi, mat-testimonjanza tal-persuna li tkun effettwat it-tqassim ta' dak l-att ġudizzjarju – ikunu jikkostitwixxu l-prova tal-fatt jekk in-notifika tal-istess att tkunx saret jew le skont il-Liġi. Din allura tkun il-prova dokumentarja/testimonjarja li fuqha l-partijiet involuti kif ukoll il-Qorti tkun trid tistrieħ biex tkun tista' tistrada l-proċeduri. Jekk dik il-prova ma tkunx tirriżulta mill-atti fil-jum meta l-azzjoni kriminali tkun qegħda tinstema' ikunu jistgħu jirriżultaw il-konsegwenzi previsti mill-Liġi. Jiġi ribadit li dan id-dmir huwa, salv fejn il-Liġi tgħid xort'oħra, mixħut fuq il-Pulizija Eżekuttiva bis-saħħa tal-artikolu 365(1) tal-Kodiċi Kriminali:

> 365.(1) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha tħarrek ix-xhieda, bil-miktub, biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sew għall-akkuża kemm ukoll għall-imputat.

9. Huwa minnu li l-Liġi tobbliga lill-Pulizija Eżekuttiva li tħarrek ix-xhieda bil-miktub biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, mingħajr ma, fl-istess artikolu, tgħidlek espliċitament li dan għandu jsir qabel id-data tas-seduta kif ukoll li għandha tippreżenta l-prova ta' dik in-notifika fl-atti tal-kawża. Iżda dawn l-obbligi huma naxxenti kemm minn

---

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.

disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll mid-dettami tal-buon sens, nonche l-ġurisprudenza.

10. Ikun allura inutli li l-Pulizija Eżekuttiva tinsisti fuq l-indispensabilita' tax-xhieda tagħha jekk hija stess ma tkunx ħadet l-iżbriga li tassikura li dawk l-istess xhieda li tant kienu indispensabbli għall-każ tagħha li jidhru l-Qorti għas-smiegħ tal-kawża meta din tkun appuntata.

11. Ikun ukoll inutli li l-Avukat Ġenerali jinvoka l-Artikolu 572 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għall-proċeduri penali bl-Artikolu 520 tal-Kodiċi Kriminali meta fl-istess nifs l-istess Avukat Ġenerali tgħid li kien għad hemm dubju serju kemm dawn ix-xiehda kienux ġew notifikati. Bir-rispett kollu, kien preċiżament id-dmir tal-Prosekuzzjoni li tassigura li, fil-jum li fih kellha tinstema' l-kawża kriminali, ma jkunx hemm dak id-dubju billi tkun f'qagħdha li tikkonferma b'mod dokumentarju jew testimonjarju l-istat tan-notifika tal-att ġudizzjarju speċifiku fl-atti tal-kawża innifisha. Il-fatt li l-Avukat Ġenerali stess tikkonferma li fid-data tas-seduta kien għad hemm dubju serju dwar jekk dawk iż-żewġ xhieda kienux notifikati bit-taħrika tax-xhieda hija ammissjoni li sa dakinhar tas-seduta l-Prosekuzzjoni kienet naqset milli twettaq id-dmirijiet tagħha mnissla mill-artikolu 365(1) tal-Kodiċi Kriminali. Insomma meta l-Prosekuzzjoni suppost marret għall-battalja bl-azzarin ikkargat, minflok stqarret li kellha dubju serju jekk dakinhar kellhiex balal ikkargati!

12. Apparti minn hekk, l-artikolu 572 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, reża applikabbli criminalibus kif intqal, l-anqas ma tista' tiġi invokata bħala strument li bih il-Qorti tiġi ndotta tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Ġenerali fejn din tinsisti fuq l-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi f'kuntest fejn mill-atti u mir-rikors tal-appell tagħha stess jirriżulta li l-Prosekuzzjoni ma kienetx wetqet l-obbligi statutorji tagħha relattivament għan-notifika tal-atti ġudizzjarji fi żmien statutorju u utli.

13. In definittiva, il-ġurisprudenza tammetti sitwazzjonijiet fejn fi proċedimenti sommarji jistgħu jingħataw differimenti – iżda biss jekk dawn ikunu meħtieġa sabiex isir twettieq rett tad-dettami tal-Liġi u tal-Ġustizzja. Allura fejn il-Prosekuzzjoni tkun wetqet l-obbligi tagħha, inter alia billi tara li xhud ikun debitament notifikat għas-seduta fi żmien utli u li għalhekk ma tkunx naqset mill-obbligi tagħha,

ikun perfettament possibbli għaliha li titlob għal differiment ta' dik l-udjenza sabiex dak ix-xhud notifikat ritenut indispensabbli minnha jiġi mismugħ qabel ma' l-Qorti teroga s-sentenza tagħha. Anzi, f'dawk iċ-ċirkostanzi jsir doveruż fuq il-Prosekuzzjoni li tagħmel tali talba u li tara li din tiġi verbalizzata fl-atti tal-proċeduri kriminali. Ladarba l-Prosekuzzjoni tkun wetqet l-obbligi tagħha relattivi għan-notifika tal-att ġudizzjarju kongruwu, ikun jispetta lill-Qorti tal-Maġistrati li ma tippremjax lix-xhud li ma jkunx deher (mingħajr raġuni valida), jew lil dak l-imputat (li forsi ma jkunx jaqbillu li dak ix-xhud debitament imħarrek jitla' jixhed, biex b'hekk ikun jista' jittanta jitlob il-liberatorja), billi jew tiddikjara l-proċediment eżawrit jew inkella tillibera lill-imputat minħabba n-nuqqas ta' dehra u deposizzjoni ta' tali xhud. F'dan il-każ ikun hemm lok għalbiex il-Qorti tal-Maġistrati - wara li l-Prosekuzzjoni tkun ivverbalizzat fl-atti tal-proċess li tkun teħtieġ lil dak ix-xhud partikolari biex isaħħaħ il-każ tal-Prosekuzzjoni - tilqa' t-talba għal differiment tal-Prosekuzzjoni sabiex dan ix-xhud ikun jista' jinġieb b'mandat ta' akkumpanjament jew b'mandat ta' arrest. Naturalment jekk il-Prosekuzzjoni (jew il-parte civile skont il-każ) tirrinunzja espressament għal dak ix-xhud jew kemm-il darba l-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx tal-fehma li x-xhud ikun verament indispensabbli biex isaħħaħ l-imputazzjoni, u jekk l-interessi tal-ekonomija u l-ispeditezza tal-Ġudizzju jkunu hekk jippermettu, allura imbagħad il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi mod ieħor. Iżda din l-aħħar opzjoni tibqa' dejjem l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

14. Mill-banda l-oħra fil-każ ta' proċediment sommarju immexxi mill-Pulizija Eżekuttiva ex officio fejn ix-xhud in kwistjoni ma jkunx ġie notifikat u l-anqas ikun deher biex jixhed fid-data u l-ħin imsejħin mill-Qorti għas-smiegħ tal-kawża, jew il-Prosekuzzjoni tistqarr li ma jkollhiex ir-referta ta' dak ix-xhud jew tistqarr li għandha dubju serju jekk dak ix-xhud ikunx ġie notifikat, allura f'dak il-każ il-Qorti tkun ġustifikata legalment u raġonevolment li tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni tkun naqset mill-obbliġi statutorji tagħha li twettaq in-notifika tax-xhud. Allura f'dak il-każ jekk ix-xhud tal-Prosekuzzjoni ma jidhirx u (i) il-Prosekuzzjoni ma tippreżentax riferta jew (ii) ir-riferta tkun waħda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli għal xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tkun tista' tibqa' għaddejja bis-smigħ tal-kawża u, <u>jekk ma jkunx hemm raguni oħra ghal differiment</u>, tista' wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza fis-sensi tal-artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali. Iġifieri jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qagħda li tippreżenta referta ta' xhud; jew jekk il-Prosekuzzjoni tippreżenta referta negattiva ta' xhud u dan in-nuqqas

ta’ notifika jkun attribwibbli għal xi nuqqas da parti tal-Prosekuzzjoni. In-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tippreżenta referta negattiva ta’ xhud jista’ jkun attribwibbli għal nuqqas ta’ azzjoni da parti tal-Pulizija Eżekuttiva li tara li – fi żmien utli qabel is-seduta – jkun sar dak kollu meħtieġ – inkluż li jittieħdu l-proċeduri l-oħra kollha preposti mill-Liġi sabiex xhud ikun notifikat. L-istess nuqqas jirriżulta meta l-Prosekuzzjoni stess tistqarr li hija ma kienetx ċerta jekk kienx hemm notifika ta’ dak ix-xhud b’mod allura li tistqarr dubju serju jekk dak ix-xhud ikunx ġie notifikat jew le.

15. Kif ingħad, in-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tippreżenta referta negattiva ta’ xhud jista’ jkun attribwibbli għal nuqqas ta’ azzjoni da parti tal-Pulizija Eżekuttiva li tara li – fi żmien utli qabel is-seduta – jkun sar dak kollu meħtieġ – inkluż li jittieħdu l-proċeduri l-oħra kollha preposti mill-Liġi sabiex persuna tkun tista’ tiġi notifikata. Issa jekk kien hemm żmien biżżejjed biex dawn il-proċeduri jkunu jistgħu isiru, iżda l-Pulizija Eżekuttiva tkun naqset, fiż-żmien li jkollha għad-disposizzjoni tagħha li tagħmel dan – bħal meta jkun hemm trapass ta’ xhur konsiderevoli bejn id-data ta’ meta l-kawża tkun ġiet appuntata mill-Qorti u d-data ta’ meta t-tentattiv ta’ notifika jkun jirriżulta negattiv – allura f’dak il-każ, in-nuqqas ta’ notifika tax-xhud jista’ jitqies li jkun attribwibbli għal nuqqas t’azzjoni diliġenti da parti tal-Pulizija Eżekuttiva b’mod li dan jagħti lok lil dik il-Qorti tal-Maġistrati li, minħabba dik in-nuqqas t’azzjoni tkun tista’ tordna li jitkompla s-smiegħ tal-kawża u, jekk ma jkunx hemm raġuni oħra għal differiment, tista’ wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza.

16. Iżda jekk dak in-nuqqas ta’ notifika ma jkunx dovut għal nuqqas tal-Prosekuzzjoni – bħal per eżempju jekk ma jkunx hemm żmien biżżejjed bejn id-data tal-appuntar tas-seduta u żmien utli biex xhud ikun jista’ jiġi notifikat billi jsir użu mill-proċeduri preposti mill-Liġi għal notifika minħabba nuqqas ta’ żmien biżżejjed utli u tekniku li fih xhud ikun jista’ jiġi raġonevolment notifikat, allura f’dak il-każ ma jkunx jista’ jingħad li n-nuqqas ta’ notifika tax-xhud tkun dovuta għal nuqqas da parti tal-Pulizija Eżekuttiva. F’każijiet bħal dawn il-Qrati tal-Maġistrati għandhom ikunu raġonevoli u jagħtu żmien biżżejjed lillProsekuzzjoni biex ikunu jistgħu jwetqu fih l-obbligu tan-notifika ta’ atti ġudizzjarji. F’każijiet eċċezzjonali bħal dawn il-Qrati tal-Maġistrati jkunu jistgħu jagħtu differiment għalbiex in-notifika ta’ atti ġudizzjarji tkun tista’ titwettaq skont il-Liġi.

17. Imma fi kwalunkwe każ, fid-data tas-smiegħ tal-kawża, il-Prosekuzzjoni għandha tkun ippreparata biżżejjed biex tkun

f'qagħda li tinforma lil Qorti jekk xhud ikunx ġie notifikat jew le. Jekk fid-data tas-seduta il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qagħda li tinforma lil Qorti la b'dokumentazzjoni u l-anqas b'testimonjanza dwar jekk it-taħrika tax-xhud tkunx ħarġet u eżegwita pożittivament, imma minflok anke l-Prosekuzzjoni stess ma tkunx taf xi jkun ġara – jekk ħarġitx it-taħrika għat-tqassim jew jekk inħarġet tkunx ġiet notifikata – u jkun jirriżulta lil Qorti li jkun hemm żmien raġonevoli bejn id-data tal-appuntar tal-kawża u d-data tas-smiegħ tal-kawża b'mod li fihom kien raġonevolment mistenni mill-Prosekuzzjoni li setgħet b'diliġenza twettaq tali notifika, allura f'dak il-każ il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta li tqis li l-Prosekuzzjoni tkun naqset mill-obbligi statutorji tagħha.

18. Anzi, l-Prosekuzzjoni għandha tkun f'qagħda li fis-seduta appuntata turi lil Qorti anke b'dawk iċ-ċirkostanzi fejn in-notifika tat-taħrika tax-xhud ma tkunx saret mhux minħabba nuqqasijiet tagħha, iżda minħabba xi raġunijiet jew nuqqasijiet oħra, inkluż dawk tax-xhud stess jew ta' terzi persuni jew raġunijiet oħra. Dan ukoll jista', fil-każijiet kongruwi, jitqies bħala raġuni valida li għaliha jkun jista' jiġi mitlub differiment tal-udjenza mill-Prosekuzzjoni sabiex dak ix-xhud ikun jista' jiġi debitament imħarrek. Iżda l-Prosekuzzjoni trid tkun dejjem f'qagħda li, fis-seduta appuntata mill-Qorti, tispjega kif u għaliex notifika ta' taħrika ta' xhud tkunx saret jew le, u jekk ma tkunx saret għaliex ma tkunx saret.

19. Issa f'dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm xi żmien qasir bejn id-data ta' meta tkun ġiet appuntata l-kawża, meta setgħu jiġu mqassmin it-taħrikiet tax-xhieda u d-data tas-smiegħ tal-kawża. Dan ikun allura jfisser ukoll li oġġettivament kien hemm żmien raġjonevoli biżżejjed biex il-Prosekuzzjoni tistħarreġ mhux biss jekk it-taħrikiet tax-xhieda jkunux inħarġu iżda wkoll xi jkun l-eżitu tagħhom. Anke f'dak il-każ, allura l-Qorti tista' tibqa' għaddejja bis-smigħ tal-kawża u, jekk ma jkunx hemm raġuni oħra għal differiment, tista' wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza.[3]

20. F'dan il-każ mill-verbal tas-seduta tal-10 ta' Diċembru 2021, jirriżulta mix-xhieda ta' PC 2183 Sarah Agius li għalkemm ir-riferti tax-xhieda PS 239 u PC 1533 inħarġu, hija ma kellhiex informazzjoni fuq l-eżitu tagħhom. U dan ikun ifisser illi kif ivverbalizza l-Ispettur Daryl Farr, il-Prosekuzzjoni ma kellhiex ir-riferti f'idejha. Ma ingħatax iżjed informazzjoni dwar x'raġunijiet kien hemm għal dan in-nuqqas.

---

[3] Dan huwa wkoll in linea ma dak deċiż fl-appell kriminali **Peter Sammut sive Peter Ferdinans** imsemmi iżjed il-fuq.

Dan allura jfisser li l-Prosekuzzjoni naqset mid-dmir tagħha li b'diliġenza tassigura li x-xhieda jkunu ġew debitament imħarkin biex jixhdu fid-data tas-seduta, jew almenu tagħti spjegazzjoni dwar x'ġara mit-taħrikiet tax-xhieda rispettivi.

21. F'dan il-kuntest allura l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tqis li l-Prosekuzzjoni ma preżentatx raġuni valida li in bażi tagħha t-talba għad-differiment tal-udjenza setgħet tiġi milqugħa. Il-Prosekuzzjoni kellha tassigura li fid-data iffissata għas-smiegħ tal-kawża jkollha r-riferta tax-xhieda f'idejha anki jekk it-tentattiv tan-notifika bil-mezzi li tagħti l-Liġi kien jirriżulta fin-negattiv, jew almenu tkun f'qagħda li tagħti l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Qorti biex din tkun tista' tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk kienx hemm xi nuqqas ta' diliġenza minn naħa tal-Prosekuzzjoni fit-twettieq tal-obbligi ta' notifika tagħha.

22. Inoltre kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiża ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jtellgħu. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellhiex raġuni ulterjuri sabiex tiddifferixxi l-kawża għal data oħra u korrettement għaddiet għas-sentenza kontra l-appellat dakinhar stess.

# Deċide

Għaldaqstant, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**